# Beati u Qaddisin....Jannar

13 ta' Jannar

Beata Veronika minn Binasco



Ma kienitx taf taqra u anqas tikteb; pero' ma kienitx xi haga straordinarja ghal dawk iz-zminijiet minhabba li il-maggoranza tal-pplu kien anafabeta. Izda ghal Giovanna Negroni kienet disgrazzja ghaliex hija xtaqet tidhol soru u biex tidhol religjuza kont trid taqra s-salmi mas-sorijiet hutha l-ohra.

Maghrufa fost qrabatha u n-nies ta' madwarha bhala Nina, hija twieledet fis-sena 1445 gewwa Binasco, fil-provincja ta' Milan fis-sena 1445 minn ġenituri umli bdiewa. Ta' 18 il-sena marret thabbat il-bieb tal-monasteru gewwa Milan izda ghalqulha l-bieb ma' wiccha. Mhux hekk gralha meta habbtet il- bieb tal-kunvent ta' l-agostinjani. Accettawha bil-ferh u tbissima, imma anke fehumha li

tfajla li ma kellha ebda kultura kienet haga difficli hafna li jaccetawha fil-komunita u ghalhekk baghtuha mill-gdida lejn darha. Pero' hegguha li hija kellha tikkoltiva l-vokazzjoni taghha u tissudha billi titghallem tikteb u taqra u fuq kollox titlob. Nina rritornat lejn il-hajja ta' l-ghelieqi matul il-jum u fulghaxija kienet tipprova tighallem xi haga.  Ix-xoghol kien iebes u ma ghamlet eda progress.

Kienet Marija Ssma li solvietilha l-problema, mhux billi ghallmitha taqra, izda svelatilha tlett punti biex tasal ghal ghand Alla: is-safa' tal-qalb, il-pacenzja lejna il-proxxmu li l-izbajli taghhom ma ghandhomx ikunu ta' skandli ghalina, imma opportunita' biex wiehed jaghder u l-meditazzjoni fuq il-passjoni ta' Kristu.  Tlett snin wara accettawha fil-kunvent biex taghmel parti mill-komunita', anke jekk baqghet analfabeta.  Tawha l-isem ta' Veronika u offrewlha x-xoghol l-aktar baxx.

Kienet tiehu hsieb tiftah il-bieb, l-gnien u l-annimali tal-kunvent. xoghol ;i kienet twettaq tant tajjeb.  Hutha s-sorijiet innutaw li ghall-hwejjeg t'Alla kienet tispecjalizza billi hija kienet issegwi l-programm tal-Madonna u titlob hafna flimkien ma penitenza li kienet taghmel. Meta baghtuha biex tigbor il-karita' ghall-monasteru mid-dar ghal dar gewwa Milan, rat okazzjoni sabiha biex tisvolgi l-appostlat taghha fost l-insara permezz ta' oariri u twissijiet.

Kulhadd laqqamha is-soru qaddisa ghaliex kienu jhossu li quddiemhom kellhom il-marali kienet thobb lil Alla.  Dik is-soru li kienet analfabeta kienet taqra l-kuzjenzi bla biza' wibbdet lil Luduviku l-Moru minhabba l-kostumi xejn sbieh tieghu,  Sahansitra f'idjenza lil kellna mal-Papa wissiet lil-Papa Alessandru VI, il-Borgja kontra ix-xewqa zejda ghall-poter u r-rikkezzi.  Madankollu hija dejjem smatu bhala s-successur ta' Pietru.  Kellha biss 50 sena meta hija halliet din id-dinja fit-13 ta' Jannar 1497.  Hija ghexet hajja thobb biss lil Alla, lil Gesu, u ommu Marija u lil bnedmin kollha bhala xbiha t'Alla.

Jinghad li Papa Borgia wara dik l-udjenza li hammritlu wiccu ordna lill-qorti

tieghu biex waqt li dik is-soru umli kienet hierga minn quddiemu, tqum bil-wieqfa u ssellem lil dik il-mara qaddisa: "Aghtu qima lil din ikl-mara ghax hija qaddisa." Kien il-Papa Ljun X li bbeatifikha wara ghaxar snin mill-mewt taghha